# PARIRI EWLENIN FUQ IS-CYBER SECURITY

## MODI PRATTIĊI KIF TIPPROTEĠI LILEK INNIFSEK ONLAJN

**cyber**.gov.au/learn




### Aġġorna l-apps u l-apparat tiegħek

L-aġġornament tal-apps u l-apparat tiegħek jistgħu jirranġaw problemi u jindirizzaw tħassib u fraġilitajiet ġodda fis-sigurtà li hackers jistgħu jużaw biex ikollhom aċċess għall-apparat u l-accounts tiegħek. Ikunu wkoll kapaċi jżidu karatteristiċi oħra.




### Issettja l-awtentikazzjoni b'ħafna livelli (MFA)

L-MFA tfisser li jkollok aktar minn mezz wieħed li tiċċekkja biex turi l-identità tiegħek f'akkawnt. Per eżempju, jista' jkollok bżonn kodiċi minn SMS u l-passphrase tiegħek. Dan jagħmilha aktar diffiċli għall-kriminali onlajn biex jaċċessaw l-akkawnts tiegħek.



### Kif tissettja u kif isiru backups regolari

Backup hija kopja diġitali tal-informazzjoni l-aktar importanti tiegħek jew f'tagħmir li jinħażen esternament jew fuq server fuq l-internet bħall-cloud.  Dan ifisser li tista' ġġib lura l-files tiegħek jekk jiġri xi ħaġa.




### Oħloq passphrases sikuri

Meta ma jkollokx MFA, uża passphrase biex tassigura l-kont tiegħek. Passphrase hija tip ta' password f'saħħitha li tuża erba' kelmiet jew iktar bla ħsieb. Dan jirrendihom diffiċli għall-kriminali diġitali biex jaqgħtuhom iżda faċli għalik biex tiftakarhom.



### Irrikonoxxi u rrapporta skemi qarrieqa

Il-kriminali sikwit jużaw email, SMS, telefonati u l-midja soċjali biex iqarrqu bin-nies. Is-soltu jagħmlu dan billi jikkuntatjawk u jippretendu li huma xi individwu jew organizzazzjoni li inti taf u tafda.

Kun dejjem attent meta tikklikkja fuq files mehmużin jew links ġewwa emails jew messaġġi.




### Tejjeb is-cyber security tiegħek billi...

- Taħseb fuq dak li tippowstja onlajn.
- Tirċievi twissijiet ta' theddid ġdid. Inkiteb għas-servizz b'xejn tat-twissija tagħna.
- Titkellem dwar is-cyber security onlajn mal-familja u l-ħbieb.
- Tevita l-Wi-Fi pubbliku meta tkun qed tibbankja jew tixtri onlajn.
- Tirrapporta atti kriminali u inċidenti onlajn biex inżommu lill-Awstralja sikura.

Skopri aktar fis-sit **cyber.gov.au/learn**

**Irrapporta inċidenti ta' cyber security:**
cyber.gov.au | 1300 CYBER1 (1300 292 371)
Dan in-numru jista' jintu a biss fl-Awstralja.

Australian Government
Australian Signals Directorate

ASD AUSTRALIAN SIGNALS DIRECTORATE
ACSC Australian Cyber Security Centre

Għandek xi kummenti fuq dan il-prodott? Żur is-sit **cyber.gov.au** u għidilna.